

# Żjara Pastorali fl-Awstralja tal-Isqof Mario Grech

*kitba ta'* DUN EDDIE ZAMMIT – *ritratti ta'* DUN EDDIE ZAMMIT u DUN ĠWANN SULTANA

Kmieni filgħodu tal-Ġimgħa, 30 ta' Settembru 2011 it-titjira Ek 418 tal-linja tal-ajru Emirates kienet waslet fid-destinazzjoni tagħha: l-Ajruport Internazzjoni ta' Sydney, Awstralja. Fuq din it-titjira kien hemm grupp ta' madwar 37 ruħ Maltin li kienu qed jakkumpanjaw lill-Isqof t'Għawdex Mons. Mario Grech fl-ewwel żjara pastorali tiegħu fl-Awstralja. Minkejja t-tul tal-vjaġġ li ra l-bidu tiegħu f'Malta nhar l-Erbgħa 28 ta' Settembru kmieni wara nofsinhar, kien hemm ferħ u stennija kbira għal-laqgħa li kulħadd kien qed jistenna minn ħutna qraba u ħbieb li ilhom għal diversi snin jgħixu f'dan il-kontintent ġdid tal-Awstralja. U dak li konna nistennew seħħ tassew għax matul il-ħames ġimgħat ta' permanenza



fid-diversi bliet tal-Awstralja sibna ġemgħat kbar ta' Maltin u Għawdxin kollha lesti li biex jiltaqgħu magħna u b'mod partikulari biex isiru jafu lill-Isqof tagħna Mario u jkollhom ix-xorti li jkellmuh u jsiru jafuh. F'din l-ewwel żjara tiegħu Mons Isqof Mario Grech kien qed isegwi żjarat oħrajn mill-Isqfijiet Maltin f'dawn l-aħħar 60 sena: L-Arċisqof Mikiel Gonzi fl-1953, L-Isqof Nikol Cauchi fl-1968 u fl-1995, l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca fl-1986 u fl-aħħarnett l-Arċisqof Pawlu Cremona fl-2008.

Intant Mons Isqof Mario Grech flimkien mal-familjari tiegħu u ma' Dun Eddie Zammit ġie alloġġjat fil-Kunvent tas-Sorijiet Dumnikani Maltin fuq Walters Road fil-belt ta' Blackwtown. Il-Kumplament tal-grupp li kien ikkordinat minn Dun Ġwann Sultana ġew alloġġjati l-lukanda l-Blacktown jew għand xi familjari u ħbieb.

### Waqtiet ta' spiritwalità u soċjalizzazzjoni

Wara ġurnata mistrieħ mill-vjaġġ, is-Sibt l-1 ta' Ottubru, ingħata bidu għall-programm mħejji minn Kumitat li ltaqa' apposta taħt it-tmexxija tal-koppja Josephine u Ray Bigeni emigranti mix-Xagħra Għawdex, Mons Isqof mexxa quddiesa fis-Sala ta' 'Rosary Home' dar tal-anzjani mmexxija mill-istess sorijiet li għal dawn l-aħħar 30 sena offriet kenn u wens lill-anzjani fis-subborgi ta' Sydney, ħafna Maltin u Għawdxin. Wara l-quddiesa ġie organizzat pranzu fl-istess lokal u Mons Isqof kellu l-opportunità li flimkien mal-Madre Superjura tad-Dar, l-Għawdxija Suor Georgina Sultana jiltaqgħu mal-anzjani kollha preżenti flimkien mal-membri tal-Bord tat-tmexxija tal-istess dar u joffrilhom ilkoll kelma ta' support u inkurraġġiment. **Filgħaxija mbagħad ftit passi 'l bogħod mill-Kunvent tad-Dumnikani fis-Sala tal-*La Valette Centre*, Mons Isqof mexxa konċelebrazzjoni Ewkaristika għall-Maltin u l-Għawdxin li joqogħdu f'dawn l-inħawi. Kien hemm preżenti 'l fuq minn 500 ruħ.** Fost il-

konċelebranti kien hemm is-saċerdoti li kienu qed jakkumpanjaw lill-Mons Isqof fiż-żjara tiegħu fl-Awstralja; L-Arċipriet Pawlu Cardona, Dun Ġwann Sultana, Patri Remiġ tal-Kapuċċini, u Dun Eddie Zammit flimkien ma' saċerdoti oħra membri tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl li għandhom għal qalbhom il-pastorali fost l-emigranti tagħna. Wara l-quddiesa Mons Isqof Mario Grech kellu l-okkażjoni sabiħa li jiltaqa' ma' bosta emigranti Maltin u speċjalment Għawdxin li xtaqu aħbarijiet dwar il-qraba tagħhom ġewwa Għawdex. Kien hemm mumenti ta' emozzjoni kbira bl-emigranti tagħna jifirħu bil-preżenza tal-Isqof t'Għawdex fosthom u kienu diversi dawk li xtaqu jieħdu ritratt ta' tifkira ta' dawn il-mumenti sbieħ. Fit-tmiem din il-laqgħa Mons Isqof iltaqa' mal-mexxija tal-*La Valette Maltese Centre* fosthom mal-President is-Sur Gejtu Pace u kellu kliem ta' inkurraġġiment u apprezzament għall-ħidma li qed iwettqu fost l-emigranti tagħna.

## Messaġġ mill-Maltese Community Council ta' New South Wales

L-għada l-Ħadd imbagħad Mons Isqof mexxa quddiesa kkonċelebrata fil-Katidral ta' St Mary's fil-belt ta' Sydney. Għal din il-quddiesa kienu mistiedna diversi assoċjazzjonijiet Għawdxin li ġew ukoll bl-istendardi tagħhom. Wara l-quddiesa Mons. Isqof iltaqa' ma' diversi emigranti Għawdxin fid-Dar tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl fi Stanley Street ftit il-bogħod mill-istess Katidral. Wara li ltaqa' mal-emigranti Mons. Isqof iltaqa' ukoll fl-istess dar mal-President u l-membri tal-*Maltese Community Council* ta' New South Wales. **Il-membri ta' dan il-Kunsill talbu lill-Isqof Mons Mario Grech biex iwasslu l-messaġġ tagħhom dwar il-preżenza ta' saċerdoti Maltin li jistgħu jaħdmu fost il-komunità Maltija fl-Awstralja.** Is-Sibt 8 ta' Ottubru Mons Isqof qaddes fil-knisja ta' Horsley Park li hija mmexxija mill-Patrijiet tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl fil-preżenza ta' Patri Mario Zammit Mssp Superjur Reġjonali, u wara attenda għal ċena uffiċjali organizzata f'ġieħu fis-Sala Mandavilla fl-istess post. Waqt din l-attività Mons Isqof ġie ppreżentat












b'rigali ta' tifkira ta' din iż-żjara fosthom pjaneta maħduma apposta.

## Il-gratitudni tal-Isqfijiet

Laqgħat oħrajn mal-emigranti tagħna fis-subborgi ta' Sydney saru mal-anzjani f'Wentworthville, fi Greystanes Pendle Hill, mas-saċerdoti u reliġjużi f'Horsley Park u fl-aħħarnett fil-knisja ta' Riverstone. Mons Isqof kellu ukoll żewġ żjarat lill-Isqfijiet ta' Paramatta, Mons. Anthony



Fisher u l-Arċisqof ta' Sydney il-Kardinal George Pell. **Dan tal-aħħar faħħar is-sehem tas-saċerdoti Maltin u l-komunità Maltija lill-Knisja Awstraljana f'dawk li huma l-valuri tal-Vanġelu u l-għożża tal-familja.** Tul il-waqfa tiegħu f'Sydney Mons Isqof kien mistieden iżur postijiet ta' interess bħalma huma l-Opera House, il-port ta' Sydney, il-Blue Mountains, kif ukoll il-lokalità sabiħa ta' Hunters Valley. Ta' min jirringrazzja l-ġenerożità tas-Sorijiet Dumnikani li mhux biss ospitaw lill-Mons. Isqof tul il-waqfa tiegħu f'Sydney imma pprovdew ukoll it-trasport għall-Isqof u l-*entourage* tiegħu, mertu ukoll ta' Monty u Jane Sultana emigranti mix-Xagħra u Emmanuel Zammit emigrant mir-Rabat.

Minn Sydney Mons Isqof żar il-Komunità Maltija ta' Warrawong fil-parroċċa ta' San Franġisk t'Assisi fejn għal diversi snin ħadem Patri Vitor Bonello Franġiskan Konventwali mix-Xagħra. Minn Warrawong il-Ħamis 13 ta' Ottubru, Mons Isqof kompla fi triqtu lejn Canberra l-belt kapitali tal-Awstralja. Hemm sab jilqgħuh uffiċjali tal-Ambaxxata Maltija għall-Awstralja fosthom l-Ambaxxatur is-Sur Francis Tabone. Wara li ttieħed għal żjara fil-Mużew tal-gwerra ta' Canberra, Mons Isqof u l-familjari tiegħu kienu mistiedna għal ċena uffiċjali fir-residenza tal-ambaxxatur, bini li jiġi biswit il-parlament il-ġdid Awstraljan. Preżenti għal din iċ-ċena kien hemm ukoll diversi mistednin b'konnessjoni mal-komunità Maltija fosthom ukoll in-Nunzju Appostoliku għall-Awstralja Mons. Lazzarotto.

## Fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu f'Bacchus Marsh

Minn Canberra Mons Isqof beda t-triq lejn Melbourne kważi sebgħa sigħat bil-karozza. Wasalna Melbourne il-Ġimgħa 15 ta' Ottubru u sibna jilqgħuna s-Sorijiet





Dumnikani ta' *Rosary Home Keilor Downs* li offrewlna l-ospitalità. Propju f'dawn il-ġranet is-sorijiet kienu qed ifakkru l-25 sena mill-ftuħ tad-*Dar Rosary Home* li toffri kenn u wens lill-anzjani. L-ewwel merħba lill-Isqof Grech saret tard filgħaxija fil-parroċċa ta' St Joseph the Worker, f'North Reservoir mill-kappillan Dun Manwel Bonello mix-Xagħra. **Is-Sibt 15 t'Ottubru saret merħba sabiħa lill-Isqof Grech f'quddiesa mmexxija minnu u minn numru sabiħ ta' saċerdoti fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu f'Bacchus Marsh. Ir-Rettur tal-knisja Mons. Beneditt Camilleri għamel diskors ta' merħba lill-Mons Isqof u wera l-ferħ għall-preżenza tiegħu u ta' numru ta' pellegrini li ġew miegħu minn Malta f'din il-lokalità Marjana f'Melbourne.** L-għada l-Ħadd, Mons Isqof mexxa l-Quddiesa Sollenni fl-okkażjoni tal-festa ta' Stella Maris fil-parroċċa ta' North Reservoir. L-Erbgħa 19 ta' Ottubru Mons Isqof żar il-Katidral ta' Bendigo u mexxa quddiesa b'suffraġju tal-mibki Isqof ta' din id-djoċesi l-Isqof Malti Mons. Joe Grech li miet fit-28 ta' Diċembru 2010.Ħa sehem ukoll f'din il-quddiesa Fr Tony Shalue *assistant priest* tal-Katidral u ħabib personali tal-Isqof Joe Grech. Fi tmiem il-quddiesa l-grupp kollu preżenti ħa ritratt ta' tifkira fil-post fejn hemm il-fdalijiet tal-Isqof Joe Grech.

## Diskussi l-isfidi tal-komunità Maltija fl-Awstralja

**Laqgħa sinifikattiva ħafna saret fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville il-Ħamis 20 t'Ottubru flimkien mal-*Maltese Community Council* ta' Victoria mmexxija mill-President Dr Maurice Cauchi ħu l-mibki l-Isqof Nikol Cauchi. F'dan iċ-Ċentru li nbena bil-ħidma tal-Patrijiet membri tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl, Mons Isqof żar xi klassijiet fejn jgħallmu l-Malti u sama' ukoll xi sfidi u problemi qed tħabbat wiċċha magħhom il-komunità Maltija fl-Awstralja.**

Tul il-waqfa tiegħu f'Melbourne Mons Isqof mexxa quddies fir-*Rosary Home*, f'Altona East għall-Assoċjazzjoni Maltija ta' Hobsons Bay mmexxija mis-Sur Joe Attard minn Nadur, fid-Dar tal-Anzjani St Bernardette North Sunshine, fil-knisja ta' St Bernardette, fil-knisja ta' St Joseph Springvale u fil-knisja ta' Deer Park għal Grupp ta' Talb Mater Dei mmexxi minn Carmen u Martin Sultana minn Nadur. Il-Ħadd 23 ta' Ottubru l-Assoċjazzjonijiet Għawdxin ta' Melbourne organizzaw *dinner dance* f'Luxor Receptions Sydenham ad unur tal-Isqof Grech. Kien hemm numru sabiħ ta'


INRI
THE BREAD OF LIFE
I AM




Invit (invitation) għall







emigranti. Fit-tmiem din l-attività Mons Isqof ġie ppreżentat b'kalċi u pjaneta tal-okkażjoni. Ta' min jirringrazzja lil Dun Manwel Bonello u lil ħuh Anthony u martu Mary kif ukoll lil Joe Borg u martu Ġuża u magħhom lir-rappreżentanti tal-Assoċjazzjonijiet Għawdxin għall-koordinament u tħejjija tal-programm taz-żjara tal-Isqof f'Melbourne.

### Merħba minn Kappillan u sorijiet Għawdxin f'Adelaide

It-Tnejn 24 t'Ottubru filgħaxija, fil-parroċċa ta' St Josepjh the Worker North Reservoir, Mons Isqof iltaqa' mas-saċerdoti u reliġjużi Maltin li huma impenjati pastoralment fid-djoċesi ta' Melbourne u ta' Sandhurst. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm l-Isqof Awżiljarju Mons Vincent Long, Isqof Vjetnamita, li ġie kkonsagrat Isqof din is-sena għad-djoċesi ta' Melbourne. **It-Tlieta 25 ta' Ottubru Mons Isqof żar il-komunità Maltija ta' Adelaide. Hemm iltaqa' kemm mal-Kappillan tal-Maltin il-Franġiskan Patri Gabriel Micallef minn San Lawrenz kif ukoll ma' Fr Charles Gauci u Fr Alfred Farruggia saċedroti Maltin li qegħdin jaħdmu pastoralment fost l-emigranti tagħna. Laqgħa sabiħa oħra saret ma' Madre Giovanna Gauci mir-Rabat, Superjura reġjonali tas-Sorijiet Franġiskani fl-Awstralja u Sister Bonnie Attard tal-istess komunità mix-Xagħra li tmexxi dar tal-anzjani f'Lockley Adelaide.** Tul il-waqfa











qasira tiegħu f'Adelaide l-Isqof kien ospitat mis-sorijiet Franġiskani f'Lockley. Mons Isqof żar il-Katidral tal-istess belt kif ukoll postijiet oħrajn ta'interess qabel ma reġa' lejn Melbourne bl-ajru.

Lura Melbourne Mons Isqof kellu l-aħħar laqgħat tiegħu mal-**Arċisqof ta' Melbourne Mons. Dennis Hart li wera l-apprezzament tiegħu għall-preżenza tas-saċerodti Maltin fl-Arċidjoċesi**, mal-membri tal-*Maltese Cultural Club* f'Talmage Street Albion, mal-membri tal-*Bocce Club* ta' Deer Park kif ukoll mal-Għannejja Maltin ta' St Albans. L-aħħar laqgħat tiegħu f'Melbourne kienu fil-knisja ta' North Reservoir u f'Bacchus Marsh fil-knisja Ta' Pinu l-Ħadd 30 t'Ottubru. L-Isqof Mario flimkien mal-grupp li tela' miegħu telaq lura lejn Malta it-Tnejn 31 ta' Ottubru 2011 sodisfatt li **din iż-żjara pastorali tiegħu ħalliet il-frott mistenni, dik li ġġedded u ssaħħaħ ir-rabtiet fil-fidi bejn il-komunità Maltija fil-kontinent Awstraljan u l-komunità li tgħammar fil-Knisja tagħna f'Għawdex.**



# MERĦBA MAĦBUB RAGĦAJ TAGĦNA

***(Lill-Monsinjur Mario Grech, Isqof t'Għawdex)***

Ilqa' dil-merħba o ragħaj maħbub tagħna:
il-merħba mħeġġa ħierġa minn qiegħ qalbna;
għax ilha tħeġġeġ fina x-xewqa mqanqla
li narawk fostna u nisimgħu kliemek.

Imferrxa l-merħla li mill-gżira ċkejkna
tat-Tliet Għoljiet marret 'il bogħod titlajja
fejn ittamat li ssib mergħat ħadrana
mnejn titma' l-frieħ fis-sliem u l-barka ...

U stagħna l-ġisem u l-kus ġmielu mtela,
iżda r-ruħ donnha ftaqret,
għax tilfet l-egħżież tifkiriet bikrija
l-ogħna teżori illi hienja kienet kisbet
fil-wens tal-koppli u l-kampnari.
U aħna, għalkemm mimlijin bil-ħeġġa
ilna żmien nagħmlu l-almu kollu tagħna
sabiex inġeddu kull tifkira
ta' kulma ksibna u għożżejna fi tfulitna,
ruħna baqgħet għatxana
għall-wens waħdieni
li taf troddilha biss dik l-Art imbierka –
l-għażiża ommna: Malta!

Il-Fidi fina baqgħet sħiħa, iva,
iżda ninsabu wisq imħassba
dwar x'għad ikun id-din
li jħaddnu fil-ġejjieni wlied uliedna!

Jonqsu kuljum qegħdin minn fostna r-ragħajja mbierka
illi jitkellmu bl-ilsien ħelu tagħna
u li jifhmuna xħin minn qalbna toħroġ
tnehida għall-faraġ meta s-sliem jitbiegħed.
Jalla l-Art Ħelwa li tatna isimha u l-Fidi qaddisa
tkompli ssostnina b'ragħajja mħarrġa u qalbiena
li jagħrfu sewwa liema hi l-aħjar matmura
għall-merħla tagħhom magħżula mill-bqija.

Għalhekk qegħdin nilqgħu bil-ferħ miġjitek fostna,
sabiex tfakkarna fil-qdusija tal-missjoni tagħna
u biex turina kif f'din it-tiġrija mingħajr heda
matul il-firxa kbira ta' din l-art għariba
mimlija ħofor fondi u xi preċipizzji,
nistgħu sikwit nistrieħu fil-wens kenni
tal-għażiża Fidi tagħna.

*Frank Zammit*
*Ċentru Malti La Valette, Blacktown NSW*
*1.10.2011*